# L-ewwel statwa titulari ta' Għawdex u l-influwenza li ħalliet fuq artisti Maltin u Għawdxin u xogħlijiethom

*George J. Cassar*

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li l-miġja tal-istatwa ta' San Ġorġ fl-1839 influwenzat il-ħajja soċjali, kulturali u artistika tal-Gżira tat-Tliet Għoljiet. Qabel ma missirijietna ordnaw l-istatwa msemmija, fil-gżira Għawdxija kien hawn diġà statwi proċessjonali, iżda dawn bl-ebda mod ma nistgħu ngħidu li kienu statwi titulari, anki jekk forsi bihom kienet issir xi tip ta' festa.

L-ewwel stawa titulari Għawdxija hi bla dubju ta' xejn l-istawa ta' San Ġorġ, kapulavur fl-injam ta' Mastru Pietru Pawl Azzopardi mill-Belt Valletta. Wara li l-Għawdxin raw il-ġmiel ta' din l-istatwa, kulħadd f'xi ħin jew ieħor tħajjar jagħmel statwa titulari. Kien hawn min mar għand l-istess artist, bħal fil-każ ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, kien hawn oħrajn li marru għand artisti oħra Maltin jew Għawdxin, u min għażel li jimporta l-istatwa titulari tiegħu minn fabbriki barra l-pajjiż, bħal ngħidu aħna Marsilja jew Ruma. Dan kollu biddel il-fiżjonomija tal-festi fi gżiritna, u l-Għawdxin fi żmien ta' faqar u flaġelli kellhom biex jedhew. Fl-aħħar mill-aħħar anki l-ħakkiem Ingliż kien kuntent, għax hekk il-poplu kien aljenat u allura ftit li xejn kien jiġih f'moħħu li jqum u jitlob drittijietu.

Iżda l-istatwa ta' San Ġorġ mhux biss influwenzat il-ħajja soċjali u kulturali ta' gżiritna, iżda kienet ta' influwenza wkoll għal bosta artisti kemm stabbiliti u kemm dilettanti. U propju dan hu s-suġġett ta' dan l-artiklu. Ftit li xejn ġara li statwa titulari ġiet riprodotta f'pittura jew skultura ta' artisti stabbiliti fi knejjes jew każini. Iżda fil-każ tal-istatwa ta' San Ġorġ dan ġara għal aktar minn darba. Hekk naraw l-impatt li ħalliet din l-istatwa fuq kull sfera tal-ħajja Għawdxija.

**Lazzru Pisani fil-Fontana**



Lazzru Pisani, *San Ġorġ*,
Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana.

Il-borgata tal-Fontana, magħrufa man-nies tar-Rabat bħala t-Triq tal-Għajn, minn dejjem kienet qrib ħafna tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*; tant li għal xi żmien, is-sede tas-Soċjetà kienet fi Triq il-Għajn. Fid-29 ta' Jannar 1893, fil-lokalità msemmija tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja ġdida ddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-knisja ġiet iddedikata fid-29 ta' Jannar 1905. Sa dakinhar kien għad hemm biss il-kwadru titulari. Iżda f'xi żmien wara l-1907, il-pittur Lazzru Pisani ġie kkummissjonat ipinġi x-xbieha ta' San Ġorġ għal wieħed mill-kwadri laterali tal-Kappellun ta' San Ġużepp.

Lazzru Pisani twieled Ħaż-Żebbuġ u studja fil-Liċew taħt il-Prof. Michele Bellanti. Iktar tard mar jistudja Ruma fl-*Accademia di San Luca*. Meta kien Ruma attenda wkoll l-i*Scuola Libera del Nudo* u l-*British Academy of Art*. Fil-Belt Eterna kien qrib ħafna tal-Prof. Luigi Fontana, l-awtur tal-istatwa ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, u tal-Kav. Domenico Bruschi. Hawn Għawdex jibqa' l-aktar magħruf bħala l-pittur tas-saqaf u l-koppla tal-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur.

Fil-pittura ta' San Ġorġ li hemm fil-parroċċa tal-Fontana, hu ċar li Pisani ġie influwenzat mill-poża kif ukoll mill-kostum tal-istatwa ta' San Ġorġ ta' Azzopardi, għalkemm imbagħad bħala pittur prolifiku ħa l-libertà u pinġa l-wiċċ tal-qaddis totalment differenti minn tal-istatwa msemmija. Anki ċerti kuluri fil-kostum tal-istess qaddis fl-istess pittura huma pjuttost differenti.

**Robert Caruana Dingli fil-Munxar u fir-Rabat**



Awto ritratt ta' Robert Caruana Dingli.

Fl-14 ta' Frar 1928, il-pittur Robert Caruana Dingli tħallas £30 tal-kwadru titulari tal-knisja tal-



Robert Caruana Dingli, *San Ġorġ*, Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar.

Munxar iddedikata lil San Pawl Nawfragu. Din il-knisja kienet għadha kif inbniet. Nifhmu li ftit wara, l-istess pittur pitter iż-żewġ kwadri ta' madwar l-istess titular, dak tal-qaddisin patruni ta' Għawdex, San Ġorġ u Sant'Ursla.

Robert Caruana Dingli twieled il-Belt Valletta fit-8 ta' Diċembru 1882. Studja l-arti taħt il-pittur Giuseppe Calì. Wara mar l-Ingilterra fejn ħadem bħala artist u disinjatur fl-istamperija u dar tal-pubblikazzjonijiet *Gilbert Whithead & Co. Ltd.* Din l-azjenda kienet strumentali biex ikompli jistudja f'diversi skejjel tal-arti f'Londra. Kien ukoll karikaturista għall-*Punch* u *The Tatler*. Fl-1925, Robert sar direttur tal-Iskola tal-Arti ta' Malta, wara kuntest pubbliku. Bħala professur tal-arti hu kien responsabbli mit-tagħlim tal-pittura bil-lapes u akwarell. Nistgħu ngħidu li għaddew minn taħt idejh fost l-aqwa artisti Maltin tas-seklu għoxrin. Miet fit-18 ta' Frar 1940 fl-età ta' 57 sena.

Fil-kwadru tal-Munxar, Robert Caruana Dingli kien fidil kemm jista' jkun għall-istatwa ta' Azzopardi; tant li meta tħares lejn dan il-kwadru, tħossok qisek qed tara ritratt. Pittura simili għall-kwadru tal-Munxar l-istess pittur pittirha għall-Każin tal-Banda *La Stella*, fejn sal-lum dan il-kwadru għadu jżejjen is-salott tas-sede tas-Soċjetà u t-Teatru Astra. Fl-istess Każin insibu standard aħmar bi xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel. Għalkemm il-poża u l-kompożizzjoni tal-pittura hi differenti minn dik tal-istatwa ta' Azzopardi, nistgħu ngħidu li hawn Caruana Dingli kien influwenzat kemm mill-kostum tal-qaddis martri tagħna u kemm mill-fiżjonomija tal-wiċċ li nistgħu ngħidu li hu fula maqsuma ta' dak tal-istatwa ta' San Ġorġ.

Robert Caruana Dingli immortalizza l-istatwa ta' San Ġorġ ukoll fi kwadru ċkejken dari fl-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata Ġorġjana tal-Belt Victoria; illum dan il-kwadru jinsab fil-Mużew tal-Bażilika. Dan il-kwadru hu aktar magħruf bħala "San Ġorġ tas-Sur", għaliex għalkemm ix-xbieha ta' San Ġorġ hi fula maqsuma mal-istatwa ta' Azzopardi, l-artist ried ipoġġi lill-qaddis fi sfond tal-kampanja Għawdxija, bis-swar tal-Gran Kastell jidhru wara l-figura tal-qaddis.



Robert Caruana Dingli, *San Ġorġ tas-Sur*, Mużew *Il-Ħaġar*.

Ma jistax ikun li San Ġorġ ma kienx ta' ispirazzjoni għal dan il-pittur; dan għaliex għall-ħabta tal-1925, Caruana Dingli kien tqabbad mill-Parroċċa ta' San Ġorġ sabiex ipitter l-Abside tal-Kor li kien għadu kif inbena ġdid wara l-festi ċentinarji tal-1903. Fit-18 ta' Frar 1925, meta kien qiegħed jaħdem fuq l-istess abside, twelidlu tifel u semmieh George. George Caruana Dingli kien ukoll artist imfittex kemm f'Malta u aktar u aktar fil-kamp internazzjonali. Illum l-Abside tal-Kor li pitter Robert Caruana Dingli fil-Parroċċa ta' San Ġorġ ġiet mibdula ma' oħra ferm aktar movimentata mpittra mill-Prof. Giovanni Battista Conti ta' Ruma.

## Wistin Camilleri f'San Ġużepp tas-Suq



L-istatwarju Wistin Camilleri.

Fil-kappella ta' San Ġużepp fi triq li ġġib l-isem tal-istess qaddis, magħrufa man-nies tar-Rabat bħala San Ġużepp tas-Suq, li kienet filjali ta' San Ġorġ, kien hemm statwa tal-kartapesta li hi replika ta' daqs iżgħar tal-istatwa ta' San Ġorġ li tagħha qed infakkru l-anniversarju tal-175 sena. L-istatwa tal-Kappella ta' San Ġużepp kien ħadimha fil-kartapesta l-istatwarju l-Kav. Wistin Camilleri.



Ulied Wistin Camilleri flimkien ma' familjari oħra u mistednin distinti, fil-ftuħ ta' wirja sabiex tikkommemora lill-istess Camilleri fil-Banca Giuratale. Innutaw l-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol dan l-istatwarju, fuq wara tar-ritratt.



Wistin Camilleri, *San Ġorġ*, Awla Kapitulari Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria.

Camilleri twieled ir-Rabat, Għawdex, iben ġenituri Żwieten li kienu ġew Għawdex biex jaħdmu fl-imtieħen tad-dqiq. Studja fis-Seminarju ta' Għawdex. Jingħad li meta kien żgħir, beda l-karriera tiegħu bili kien jaħdem xi pasturi tat-tafal u kien ibegħhihom fit-toroq medjevali ta' madwar il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fil-ġranet tal-Avvent. Kompla jistudja taħt Giuseppe Calì u Giuseppe Duca sakemm kompla l-istudji tiegħu fl-*Accademia di San Luca* f'Ruma. Lura minn Ruma, fetaħ l-istudju tiegħu fi Triq Għajn Qatet fil-Belt Victoria, fejn hemm ħadem numru kbir ta' statwi kemm fil-kartapesta u kemm skultura fil-ġebla Maltija.

Nistgħu ngħidu li fl-istatwa li ħadem għall-kappella ta' San Ġużepp tas-Suq, Wistin kien fidil għall-istatwa ta' Azzopardi kemm fil-poża, kostum, u kemm fil-polikromija. Billi l-kappella ta' San Ġużepp tas-Suq illum ma għadhiex teżisti għax għamlet il-wisa' biex setgħet titkabbar Pjazza San Ġorġ, din l-istatwa llum tinsab fl-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata Ġorġjana.

### Anton u Ġużeppi Agius

Semmejna numru ta' artisti sabbiliti li influwenzaw ruħhom mill-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi u l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex. Ta' min jgħid li barra dawn l-artisti stabbiliti kien hawn ukoll ħafna artisti dilettanti jew popolari li nistgħu ngħidu immortalizzaw dan il-kapulavur. Hawn ta' min jgħid li f'Għawdex għall-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin kien hawn tradizzjoni li fit-tiġijiet, ix-xhud tal-għarus jagħti bħala rigal pittura tal-istatwa titulari tal-lokalità minn fejn ikun ġej l-għarus. Jingħad li l-aktar żewġ statwi li tpittru għal dan il-għan kienu San Ġorġ u San Ġwann Battista, li inzertaw it-tnejn ħarġu minn id l-istess mgħallem Pietru Pawl Azzopardi.



Anton Agius (il-Brejbex), kburi bix-xogħlijiet tiegħu, fosthom minjatura tal-istatwa titulari tal-Belt Victoria.
*Ritratt bil-kortesija ta' Raymond Agius.*



Ġużeppi Agius (il-Brejbex).

Fost l-artisti dilettanti li kienu jpittru dawn il-kwadri nsibu lill-aħwa Anton u Ġużeppi Agius magħrufa fil-Belt Victoria bħala 'tal-Brejbex', kif ukoll Manwel Galea magħruf bħala 'in-Nonu'. Dawn qed insejħilhom dilettanti għaliex ma marru f'ebda skola tal-arti, iżda żviluppaw id-don li tahom Alla weħidhom bl-esperimenti u l-prattika.



Anton Agius (il-Brejbex), *San Ġorġ*, Ċentru Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria.

Anton Agius, magħruf bħala 'tal-Brejbex', twieled il-Belt Victoria fis-6 ta' Lulju 1902. Tgħammed bħall-maġġoranza tat-trabi tal-Belt Victoria u l-madwar fil-Parroċċa ta' San Ġorġ u ngħata l-ismijiet ta' Antonio, Nicola u Giuseppe. Kien kemm pittur u kemm statwarju, fejn l-aktar li kien jispeċjalizza fi statwi minjatura. Aktarx li l-ewwel prattika fl-arti ħadha fil-bottega ta' ħuh ikbar minnu Ġużeppi. Lil San Ġorġ ta' Azzopardi pittru u ħadmu fit-tafal għal kemm-il darba. Xhieda ta' dan hu r-ritratt li qed nippubblikaw li juri lil Anton Agius, kburi bix-xogħlijiet tiegħu fuq il-bejt tad-dar ta' ommu bis-swar tal-Gran Kastell warajh; ritratt rari li qed nippubblikaw bil-kortesija tal-pro-neputi tiegħu Raymond Agius. Jingħad li xogħlu kien fin ħafna u kien jidħol f'ħafna dettalji. Miet żgħir fis-16 ta' Marzu



Minjatura fit-tafal, replika tal-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol Ġużeppi Agius (il-Brejbex).
*Ritratt bil-kortesija ta' Raymond Agius.*



Pittura ta' San Ġorġ ispirata mill-istatwa tal-istess qaddis, xogħol Ġużeppi Agius (il-Brejbex).
*Ritratt bil-kortesija ta' Raymond Agius.*

1932 fl-età ta' tletin sena. Jingħad li l-kawża tal-mewt tiegħu kienet riħ qawwi wara li mexa mix-Xlendi sar-Rabat.

Ħafna Għawdxin jiftakru lil Ġużeppi Agius. Twieled fil-Belt Victoria fl-1 ta' Diċembru 1892 u tgħammed fil-parroċċa ta' San Ġorġ fejn ingħata l-ismijiet ta' Giuseppe, Andrea, Carmelo u Giovanni. Kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu qrib is-Salib tat-Tiġrija fil-bidu ta' Triq il-Kapuċċini minn fejn ħadem diversi statwi ta' kull daqs, kemm tal-kartapesta għall-festi u kemm tal-ġebel għan-niċeċ fit-toroq tagħna. L-akbar numru ta' xogħlijiet fil-kartapesta ħadimhom għall-festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur u għadhom jintramaw sal-lum fi Triq Xandriku. Kien ukoll ipitter. U bħal ħuh Anton, immortalizza l-istatwa ta' San Ġorġ diversi drabi kemm bil-pittura u kemm meta mmudellaha bħala statwa f'minjatura. Ġużeppi Agius kien bandist mal-Banda Ċittadina *La Stella* u kien idoqq il-baxx. Fil-funeral tiegħu f'Diċembru 1948 akkumpanjat il-Banda Ċittadina *Leone* billi dak iż-żmien kien jeżisti ftehim bejn iż-żewġ soċjetajiet tal-Belt Victoria li l-baned rispettivi jakkumpanjaw il-bandisti mejtin tal-banda l-oħra.

## Manwel Galea



Manwel Galea (1906-1971), magħruf mar-Rabtin bħala 'Manwel in-Nonu'.

Dilettant ieħor li pitter diversi drabi l-istatwa ta' San Ġorġ kien Manwel Galea. Galea twieled fil-



Manwel Galea (in-Nonu), *San Ġorġ*, kollezjoni tal-awtur.

Belt Victoria. Kien barbier u kellu l-ħanut tiegħu fi Pjazza San Ġorġ. Kien magħruf bħala bniedem li jgħaddi sew fiċ-ċajt li xi kultant kien ukoll kemxejn goff. Bandist assidwu mal-Banda Ċittadina *La Stella* ma jistax ikun li fil-ħin liberu tiegħu ma pittirx diversi drabi lil San Ġorġ. Galea kien idoqq il-plattini. Jingħad ukoll li l-pittura tax-xemgħa li titpoġġa fuq il-gandlieri madwar l-istatwa ta' San Ġorġ fil-jiem tal-festa hi wkoll xogħlu.

## Konklużjoni

Hawn artisti oħra li għadhom mimlijin bl-għomor u li immortalzzaw l-istatwa ta' San Ġorġ b'xogħlijiethom. Illum semmejt biss dawk li ħallewna u li bħala tifkira tagħhom għad għandna tant patrimonju li qiegħed hemm biex inħarsuh u ngħożżuh.

Hekk rajna kif l-istatwa ta' San Ġorġ mhux biss influwenzat l-andament tal-festi Għawdxin, iżda wkoll diversi artisti kemm stabbiliti u oħrajn dilettanti li b'xogħlijiethom sebbħu djarna, il-każini tagħna kif ukoll it-tempji li aħna tant kburin bihom.

---

## Bibljografija


BEZZINA Joseph, *Fontana u Ġrajjietha* (=Gaulitana 1), Malta 1986.

CARUANA DINGLI Mario J., *Caruana Dingli Artists*, Malta 1989.

CAUCHI Ġużepp, *Il-Pittura ta' Lazzaro Pisani fil-Bażilika tan-Nadur*, Malta 2006.

*Giuliana Masini*, Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex.

*Reġistru tal-Eżitu*, Parroċċa San Pawl Nawfragu, il-Munxar, Għawdex.

SCHIAVONE Michael J., *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. 1 (A-F), Malta 2009.